MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 917/2001/1

**R.V. Enterprises Limited**

**Vs**

**Ideal Dwellings (Turnkey) Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta` attrici ippremettit illi

Peress illi s-socjeta` konvenuta ghandha tghati lis-socjeta` attrici s-somma ta' (Lm4,562.32) erbat elef, hames mija u tnejn u sittin lira maltija u tnejn u tletin centezmu, prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata;

U peress li s-socjeta` konvenuta interpellata biex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti;

U peress li ghalhekk s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-imsemmija somma ta' Lm4,562.32 kif fuq inghad, liema debitu huwa cert, likwidu u dovut;

U peress li s-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni valida fil-ligi x'taghti ghal hlas ta' dan id-debitu;

Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura u Organizzjoni Civili (Kap 12) tal-ligijiet ta' Malta;
2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm4,562.32 prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata, liema debitu huwa cert, likwidu u dovut;

Bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta** a fol. 10 tal-process fejn teccepixxi:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont ta' merkanzija mibjugha hija inveriterja u qed tigi ikkontestata u inoltre l-attur qatt ma baghat kont formali tal-pretenzjoni tieghu hlief "*delivery notes*" li gew ikkontestati.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ghandu jiehu minghand l-attur stess ta' xoghol esegwit fuq ordni tieghu s-somma ta' Lm3,910 (inkluz il-Vat), liema ammont ghandu jigi pacut.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-**kontro-talba tas-socjeta' konvenuta** li permezz taghha s-socjeta` konvenuta ippremettit illi:

Peress illi l-konvenut esegwixxa diversi xogholijiet fuq ordni ta' l-istess attur;

Peress illi dawn ix-xogholijiet jammonta ghal Lm3,910 (inkluz il-VAT) u kwindi l-attur huwa debitur tal-konvenut fl-imsemmi ammont;

Peress illi ghalkemm interpellat ihallas xorta wahda baqa inadempjenti;

Jghid l-attur in vista tal-premess ghaliex m'ghandux jigi min dina l-Onorabbli Qorti:

1. Ikkundannat ihallas lill-konvenut is-somma ta' Lm3,910 (inkluz il-VAT) rapprezentanti xoghol esegwit mill-istess konvenut fuq ordni u nkarigu ta' l-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax legli mid-data tal-konsenja relattiva tax-xoghol in kwistjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol. 12 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenut R.V. Enterprises Limited** a fol. 15 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-kumpanija R.V. Enterprises Limited qatt ma xtrat xejn minghand il-kumpanija konvenuta u ghalhekk ma hi lill-konvenuti dovuta ebda somma kif premess mill-istess konvenuti;

2. Bla pregudizzju ghas-suespost Rennie Vella kien akkwista xi xoghol tal-injam minghand il-konvenuti, u jekk it-talba attrici tirreferi ghal dawn ix-xogholijiet, jinsabu imhallsin kompletament u anzi l-istess kumpanija konvenuta ghad ghandha thallas xi ammonti bilancjali lil Rennie Vella;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju it-talba rikonvenzjonali hija preskritta.

4. Illi t-talba rikonvenzjonali hi sempliciment frivola ghaliex kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet rikonvenzjonali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

5. Salv eccezzjonijiet ohra

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**PROVI**

Rennie Vella xehed li hu direttur u shareholder tal-kumpanija attrici u fl-istess hin kien ghamel minn 1997 sal-2001 impjegat mal-konvenuti. Hu kien ibiegh lill konvenuti ikel u xorb li kien jixtri minghand terzi ghar *restaurant* taghhom. Kien jipprezentalhom id-*delivery notes* u huma kienu jiffirmaw ghalihom. Id-dokument a fol 19 hu *invoice* li kien baghtilhom b'dak li qed jitlob, mentri d-*delivery notes* qeghdin a fol 20 sa 78. Ghall-ewwel kien beda jithallas b'lura, imbaghad meta zdied ix-xoghol beda jaghtihom 30 *days credit*, izda l-pagamenti ma bdewx jaslu. Kien jitlobhom il-flus regolari, imbaghad kienu dahhlu *accountant*, u bdew jghidulu biex ikellem lilu ghal flus. Dan kien qallu li kienu ser jghaddulu l-pagamenti. Imbaghad bdew isemmulu li r-*restaurant* beda jaghmel it-telf u gurnata minnhom sejhulu biex ikellmuh u wahhlu fih li r-*restaurant* beda jaghmel it-telf. L-ghada keccewh mix-xoghol maghhom. Hu spicca minghajr il-flus li kellu jiehu u bla l-paga.

Dwar il-kontrotalba li saret mill-konvenuti, qal li l-kumpanija tieghu m'ghandha taghti xejn lill konvenuti. Huma kienu ghamlulu xi xoghol ta' ghamara fil-hanut li kien ser jiftah. Ix-xoghol kien ordnah hu u mhux il-kumpanija u l-flus li kellu jaghti lill-konvenuti ghal dan ix-xoghol huma kienu qatghuhom minn dak li kellu jiehu tal *leave* u *overtime*, ta' *accident* bil-karozza u mill-*allowance* tal-karozza. Hu ma jaqbilx li l-ammont tax-xoghol li sar

kien ta' Lm3,190 imma inqas. Fil-fatt l-*invoice* a fol 94 huwa qatt ma rcevieha u dana l-ammont issemma l-ewwel darba meta saret il-kawza.

Il-konvenuti xehdu li l-attur kien jahdem maghhom *full time*, u fl-istess hin kien *supplier* tar-*restaurant* taghhom. Hu ghamel 22 *delivery* u qatt ma baghatilhom *invoice*. Wara xi zmien indunaw li kien hemm dispkrepanza fil-kwantitajiet li kien qed jipprovvdilhom u li l-prezzijiet li kien qed jiccargjahom kienu gholja hafna. Huma talbuh ghal *invoice* proprja izda qatt ma gabha. Kienu ltaqghu biex jiddiskutu dawn l-affarijiet mieghu u qalulu li ma setghux ihallsuh qabel jaghtihom l-*invoice*.

Dwar il-kontrotalba taghhom qalu li huma ghandhom jiehdu minghand il-konvenut Lm3,190 billi xi snin ilu kienu hadmulu l-ghamara ta' hanut tieghu. Huma kienu zammew lura milli jitolbuh il-flus u tawh nifs biex ihallas, imbaghad meta nqalghet dina l-kwistjoni talbuh dak li kien taghhom. Rennie Vella qatt ma semmilhom li ghandu xi kumpanija. Ix-xoghol huma ghamluh lis-socjeta' attrici. Huma ma kienu naqqsu Lm400 mill-paga dovuta lil Vella personalment fuq dak li kellu jaghtihom tal-ghamara pero' ma naqsulux tal-allowance tal-karozza billi dina kienet tikkonsisti fli hu setgha juza l-karozza u jehodha d-dar.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi qed jitolbu s-somma ta' Lm4,562.32 prezz ta' merkanzija mibjugha lis-socjeta' konvenuta skond *invoice* u *delivery notes* ezibiti minn fol 18 sa 78. Il-konvenuti qed jeccepixxu li l-ammont mitlub hu kontestat bhala inveritier u li l-atturi qatt ma baghtu kont formali tal-pretenzjoni taghhom hlief ghad *delivery notes* li gew kontestati.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontestazzjoni tal-konvenuti hi bazata fuq il-fatt li qed jghidu li kien hemm diskrepanza fil-kwantitajiet li kienu jigu ccargjati u dawk li effettivament ircevew. Inoltre l-atturi kienu qed jiccargjawhom prezzijiet gholjin. Dan huma bbazawh fuq rapport tal-*accountant* taghhom (ara Notes to the Directors a fol 109/110) li gie redatt wara li kien sar dan in-negozju. Fil-fatt il-

maggoranza tad-*delivery notes* huma tas-sena 2000 mentri r-rapport huwa tas sena 2001 (fol 105).

Il-konvenuti xehdu li skond huma l-kok taghhom kien imur jigbor l-ikel ghar *restaurant* taghhom minghand il-hanut ta' l-atturi u l-atturi kienu johorgu l-*invoice* hafna wara. Ghalhekk ma kienx hemm kontrol fuq dak li kien qed jircievi l-kok u dak li kienu qed jikkonsenjaw l-atturi.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuti ma gabux provi konkreti li d-*delivery notes* li hargu l-atturi huma inveritieri, se mai huma messhom hadu passi biex jikkontrollaw dak li kien qed jigri mill-ewwel u mhux ihallu l-affarijiet jikbru u jqajmu dina l-kwistjoni meta l-atturi kienu qed jaghmlu insistenza biex jithallsu tax-xoghol li kienu kkonsenjaw. Wara kollox id-*delivery notes* kienu gew iffirmati mill-konvenuti jew persuni awtorizzati minnhom u ma jistghux issa jikkomplejnaw dwar *overpricing* jew diskrepanzi fil-kwantitajiet. Ma jirrizultax li l-atturi qatt gew infurmati mill-konvenuti per ezempju li l-kok ma kienx awtorizzat li jordna jew jigbor l-ikel minghand l-atturi.

Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**Kontrotalba**

Kwantu ghall-kontrotalba tal-konvenuti dawn qed jitolbu Lm3,910 (inkluz il-VAT) rappresentanti xoghol esegwit mill-istess konvenuti fuq ordni u inkarigu ta' l-attur.

Illi l-atturi qed jikkontestaw dina t-talba billi qed jikkontendu fost l-ohrajn li l-kumpanija R.V.Enterprises Ltd qatt ma xtrat xejn minghand il-kumpanija konvenuta. Inoltre skond l-artikol 400 tal-Kap 12 "il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontrotalba fi kwalita' ohra minn dik li fiha ikun imharrek, u lanqas ma jista' jipproponi l-kontrotalba kontra l-attur fi kwalita' ohra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tieghu".

Jirrizulta mill-provi li l-konvenuti ma tawh ebda eccezzjoni ghat-talba ta' l-atturi fis-sens li huma qatt ma kellhom relazzjoni guridika mas-socejta' attrici u li r-relazzjoni

giuridika taghhom kienet biss ma Rennie Vella personalment. Dan il-fatt issemma fix-xhieda ta’ Steve Borg izda ma nghatatx eccezzjoni formali f’dan is-sens. L-atturi kienu ghamlu negozju mal-konvenuti kif hemm premess fic-citazzjoni u kif eccepiet fl-eccezzjonijiet. Issa skond l-artikolu 400 tal-Kap 12 il-konvenuti ma jistghux jipproponu l-kontrotalba taghhom kontra l-atturi fi kwalita’ ohra minn dik li fiha dawn ikunu dehru fit-talba taghhom. Il-konvenuti xehdu li x-xoghol li huma ghamlu sar lill Rennie Vella personalment ghal hanut tieghu u mhux ghas-socjeta’ attrici. Ghalhekk dina l-kontro talba ma hiex proponibbli kif saret.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill konvenuti jhallsu lill atturi s-somma ta’ erbat elef hames mija u tnejn u sittin lira Maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm4,562.32) prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u konsenjata lill-konvenuti;
U tilqa’ l-ewwel eccezzjoni ta’ l-atturi ghal kontrotalba tal-konvenuti.
Spejjez ghall konvenuti.
Bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------